

Brussell, 18 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13402/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0076 (COD)**

**ENER 584
ENV 1101
CLIMA 464
COMPET 1092
CONSOM 265
FISC 309**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 488 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-effettività tal-introduzzjoni tal-pieni kriminali mill-Istati Membri għall-każijiet intenzjonati u serji ta' abbuż tas-suq fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 488 final.

Mehmuż: COM(2026) 488 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2026
COM(2026) 488 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-effettività tal-introduzzjoni tal-pieni kriminali mill-Istati Membri għall-każijiet
intenzjonati u serji ta' abbuż tas-suq fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-Unjoni**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-effettività tal-introduzzjoni tal-pieni kriminali mill-Istati Membri għall-każijiet intenzjonati u serji ta' abbuż tas-suq fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-Unjoni

Werrej

I.	Introduzzjoni: Ksur tar-REMIT.....	2
II.	Metodoloġija	6
III.	Qafas tal-UE dwar reati u pieni kriminali	7
IV.	Sitwazzjoni attwali tal-ksur tar-REMIT u tagħlimiet ewlenin meħuda.....	7
V.	Sejbiet.....	13

I. Introduzzjoni: Ksur tar-REMIT

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (“REMIT”)¹, ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/1106 (“REMIT II”)², li daħal fis-seħħ fis-7 ta’ Mejju 2024 (REMIT kif emendat minn REMIT II huwa magħruf bħala “REMIT emendat” għall-fini ta’ dan ir-rapport).

Ir-REMIT huwa parti ewlenija mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan għandu l-għan li jiżgura l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa billi jintroduċi qafas għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni tal-abbuż tas-suq.

L-Artikolu 21a(2) tar-REMIT emendat jirrikjedi dan li ġej:

“2. Sal-1 ta’ Ġunju 2025 il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività tal-introduzzjoni ta’ penali kriminali mill-Istati Membri għal każijiet intenzjonati u serji ta’ abbuż tas-suq fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-Unjoni u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport jista’ jipproponi miżuri xierqa li jistgħu jinkludu s-sottomissjoni ta’ proposta leġiżlattiva.”

Dan ir-rapport (ir-“rapport”) għandu l-għan li jindirizza l-obbligu tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 21a(2) tar-REMIT emendat. It-Taqsima I tar-rapport fiha informazzjoni ġenerali dwar ir-REMIT emendat u l-obbligi rilevanti introdotti mir-REMIT II dwar l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar fil-każ ta’ ksur tar-REMIT. It-Taqsima II tispjega l-metodoloġija użata mill-Kummissjoni biex jitfassal dan ir-rapport. It-Taqsima III tiddekrivi l-qafas legali li fih l-Unjoni għandha kompetenzi fl-approssimazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti kriminali tal-Istati Membri. It-Taqsima IV tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri li l-Istati Membri stabbilew biex jieħdu azzjonijiet ta’ infurzar kontra l-ksur tar-REMIT u tax-xenarju tal-infurzar tar-REMIT fl-UE b’mod ġenerali. Fl-aħħar nett, it-Taqsima V tikkonkludi bis-sejbiet tal-Kummissjoni. Ir-rapport huwa ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Bħala kuntest, l-Artikolu 18 tar-REMIT, fil-formulazzjoni oriġinali tiegħu, obbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tar-REMIT, u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Id-dispożizzjoni pprevediet

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1227/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2024/1106 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ April 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L, 2024/1106, 17.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1106/oj>.

ukoll li dawk il-penali għandhom jiffasslu biex ikunu effettivi, dissuażivi u proporzjonati, filwaqt li jirriflettu n-natura, it-tul ta' żmien u s-serjetà tal-ksur, il-ħsara kkawżata lill-konsumaturi u l-qligħ potenzjali min-negozjar abbażi tal-informazzjoni privileġġata u tal-manipulazzjoni tas-suq. L-Artikolu 18 tar-REMIT ma stabbilix qafas speċifiku ta' penali għall-Istati Membri.

Matul ir-reviżjoni tar-REMIT tal-2023–2024, ġie osservat li l-infurzar tar-regoli tar-REMIT varja b'mod sinifikanti bejn il-ġuriżdizzjonijiet tal-UE. Xi Stati Membri rrapportaw attività ta' infurzar baxxa b'mod mhux tas-soltu. F'oħrajn, il-multi għall-ksur ma kinux biżżejjed bħala deterrent kontra ksur futur.

Ir-REMIT II introduċa diversi emendi sinifikanti biex jindirizza dawn l-inkonsistenzi, jiżgura infurzar effettiv kontra l-ksur tar-REMIT u għalhekk isaħħaħ ulterjorment l-integrità tas-suq.

B'mod aktar speċifiku, ir-REMIT II irrifletta l-ħtieġa imperattiva li jiġi stabbilit qafas aktar uniformi u aktar b'saħħtu biex tiġi pprevenuta l-manipulazzjoni tas-suq fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa. Għal dak il-għan, ir-REMIT ġie emendat biex jipprevedi lista speċifika ta' miżuri li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ("ARN") għall-infurzar f'każ ta' ksur tar-REMIT. B'mod partikolari, ir-REMIT II saħaq l-importanza li l-ARN ikunu mgħammra bis-setgħat investigattivi u ta' infurzar meħtieġa, diġà stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tar-REMIT, jiġifieri s-setgħat li (a) jaċċessaw kwalunkwe dokument rilevanti fi kwalunkwe forma, u li jirċievu kopja tiegħu; (b) tintalab informazzjoni minn kwalunkwe persuna rilevanti, inklużi dawk li jkunu suċċessivament involuti fit-trażmissjoni tal-ordnijiet jew fit-twettiq tal-operazzjonijiet konċernati, kif ukoll il-prinċipali tagħhom, u jekk ikun meħtieġ, id-dritt li tissejjaħ u tinstema' kwalunkwe tali persuna jew prinċipal; (c) jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post; (d) jintalbu telefoniċi eżistenti u r-reġistri tat-traffiku tad-data eżistenti; (e) jintalab il-waqfien ta' kwalunkwe Prattika li tmur kontra dan ir-Regolament jew atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu; (f) issir talba lil qorti għall-iffriżar jew għas-sekwestru ta' assi; u (g) jintalab lil qorti jew lil kwalunkwe awtorità kompetenti timponi projbizzjoni temporanja ta' attività professjonali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 18(3) il-ġdid tar-REMIT II introduċa obbligi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw li l-ARN ikollhom is-setgħa li jimponu mill-inqas il-multi amministrattivi u miżuri amministrattivi l-oħra li ġejjin fir-rigward tal-ksur tar-REMIT: (a) jeżiġu li jitwaqqaf il-ksur; (b) jordnaw iċ-ċediment tal-qligħ miksuba jew it-telf evitat minħabba l-ksur sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati; (c) joħroġu twissijiet jew avviżi pubbliċi; (d) jimponu pagamenti perjodiċi ta' penali; u (e) jimponu multi amministrattivi.

L-Artikolu 18(4) il-ġdid tar-REMIT II introduċa qafas għall-armonizzazzjoni minima tal-multi amministrattivi, li jiddetermina kif il-multi amministrattivi massimi għandhom jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali³. Dawn l-emendi kellhom l-għan li jiżguraw li kull Stat Membru jimponi multi li huma effettivi, dissważivi u proporzjonati.

F'aktar dettall, l-Artikolu 18(4) u (5) il-ġdid tar-REMIT II jintroduċi qafas ta' armonizzazzjoni minima, li skontu l-Istati Membri jridu jstabbilixxu multi amministrattivi massimi li huma mill-inqas għoljin daqs l-ammonti speċifikati fl-Artikolu. Din l-armonizzazzjoni tapplika għall-ksur tal-Artikoli li ġejjin tar-REMIT emendat:

- l-Artikolu 3, li jipprojbixxi l-abbuż minn informazzjoni privileġġata;
- l-Artikolu 4, li jipprevedi obbligu fuq il-parteciċipanti fis-suq li jippubblikaw informazzjoni privileġġata;
- l-Artikolu 5, li jipprojbixxi l-manipulazzjoni tas-suq;
- l-Artikolu 8, li jobbliga lill-parteciċipanti fis-suq jirrapportaw lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (“ACER”) data marbuta mal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa⁴ kif ukoll data fundamentali⁵ u data marbuta mal-iskoperturi tal-parteciċipanti fis-suq. Id-dettalji dwar l-obbligu ta' rapportar tal-parteciċipanti fis-suq huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/256⁶;
- l-Artikolu 9, li jimponi obbligu fuq il-parteciċipanti fis-suq li jirreġistraw mal-ARN fl-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti jew residenti. L-Artikolu 9 introduċa wkoll obbligu fuq il-parteciċipanti fis-suq stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz li jidħlu fi tranżazzjonijiet li huma meħtieġa li jiġu rrapportati lill-ACER skont l-Artikolu 8(1) tar-REMIT emendat biex jaħtru rappreżentant fl-UE. L-Artikolu 15, li jipprevedi obbligi ta' notifika fuq persuni li professjonalment jirranġaw jew iwettqu tranżazzjonijiet fi prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, kif introdott fir-REMIT II. Dawk l-obbligi ta' notifika huma relatati ma' ċertu ksur tar-REMIT u huma indirizzati lill-ACER u lill-ARN rilevanti.

³ B'mod partikolari, l-ammont effettiv ta' multi amministrattivi li għandhom jiġu imposti f'każ speċifiku jista' jilħaq il-livell massimu previst fir-REMIT II, jew il-livell ogħla previst fid-dritt nazzjonali.

⁴ Il-“prodotti tal-enerġija bl-ingrossa” huma definiti fl-Artikolu 2(4) tar-REMIT.

⁵ Id-“data fundamentali” hija definita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014.

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/256 tat-30 ta' Jannar 2026 dwar ir-rapportar ta' data li jimplementa l-Artikolu 7c(2), l-Artikolu 8(1a), l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014, ĠU L, 2026/256, 9.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/256/oj.

Ir-REMIT II jipprovdi lill-Istati Membri għodod għal infurzar aktar effettiv fil-każ ta' ksur tar-REMIT. Il-fatt li r-REMIT II introduċa qafas imsaħħaħ ta' multi amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn ma jżommx lill-Istati Membri milli jintroduċu pieni kriminali għall-ksur tar-REMIT.

II. Metodoloġija

Sabiex tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 21a(2) tar-REMIT emendat u tikseb fehim tal-effettività tal-penali għall-ksur tar-REMIT kif applikabbli bħalissa fl-Istati Membri, il-Kummissjoni ħejjiet kwestjonarju indirizzat lill-ARN, li ġie disseminat permezz tal-Kunsill tar-Regolaturi Ewropej tal-Enerġija ("CEER") f'Settembru 2024.

Dak il-kwestjonarju, li ffoka biss fuq l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tar-REMIT, inkluda mistoqsijiet dwar l-oqfsa nazzjonali eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-multi amministrattivi u ta' miżuri amministrattivi oħrajn; l-għadd ta' każijiet ta' ksur li għaddejjin bħalissa u tal-passat għal kull Stat Membru (inkluża l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni finali u sentenza tal-qorti) u l-pieni rilevanti imposti; statistika ta' akkumpanjament li tirrifletti l-azzjonijiet ta' infurzar meħuda f'kull Stat Membru; u ħarsa ġenerali lejn sfidi li rnexxew u dawk li ma rnexxewx imressqa quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti. Il-kwestjonarju inkluda sett addizzjonali ta' mistoqsijiet indirizzati lill-Istati Membri, li l-qafas ta' penali tagħhom għall-ksur tar-REMIT mhux biss jipprevedi penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn, iżda wkoll pieni kriminali u miżuri oħrajn ta' ġustizzja kriminali.

Il-Kummissjoni rċeviet 26 tweġiba mill-ARN (ir-"rispondenti") f'26 Stat Membru, li 21 minnhom waslu f'Novembru 2024 u l-ħamsa li kien fadal fl-aħħar ta' Ġunju 2025. ARN waħda ma weġbitx għall-kwestjonarju. Għalhekk, dan ir-rapport jibbaża fuq l-informazzjoni ppreżentata minn 26 ARN.

III. Qafas tal-UE dwar reati u pieni kriminali

Din it-taqsima tistabbilixxi l-kuntest għall-kompetenza tal-UE li tilleġiżla fil-qasam tad-dritt penali sostantiv, li huwa rregolat mill-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”).

F’konformità mal-Artikolu 21a(2) tar-REMIT emendat, il-Kummissjoni tista’ tippreżenta proposta leġislattiva jekk tqis li jkun meħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu pieni kriminali għall-ksur tar-REMIT.

F’konformità mal-Artikolu 83(1) tat-TFUE, l-Unjoni tista’ tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta’ reati u ta’ pieni kriminali f’ċerti oqsma ta’ kriminalità partikolarment serja b’dimensjoni transfruntiera. Dawn l-oqsma ta’ kriminalità, li huma elenkati b’mod eżawrjenti fit-TFUE, huma dawn li ġejjin: it-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tan-nisa u tat-tfal, it-traffikar illeċitu tad-drogi u tal-armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, l-iffalsifikar tal-mezzi ta’ pagament, il-kriminalità tal-informatika u l-kriminalità organizzata (“reati tal-UE”). Il-Kunsill jista’ b’mod unanimu jestendi din il-lista biex tkopri oqsma oħrajn ta’ kriminalità li jissodisfaw il-kriterji ta’ serjeta’ u rilevanza transfruntiera, soġġett għall-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Sal-lum, dan sar darba, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2022/2332⁷, li żiedet il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni mal-lista ta’ reati tal-UE.

F’konformità mal-Artikolu 83(2) tat-TFUE, l-Unjoni tista’ tadotta wkoll regoli minimi biex tiddefinixxi reati u pieni kriminali f’oqsma li kienu soġġetti għal miżuri ta’ armonizzazzjoni skont politiki oħrajn tal-Unjoni. Fil-prinċipju, din il-kompetenza tinkludi sett wiesa’ u varjat ta’ oqsma ta’ politika. Madankollu, dan jista’ jiġi eżerċitat biss meta l-infurzar kriminali **jirriżulta indispensabbli** biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-politika tal-Unjoni kkonċernata – dan huwa b’mod partikolari l-każ għal każijiet serji ta’ abbuż tas-suq fis-servizzi finanzjarji⁸.

IV. Sitwazzjoni attwali tal-ksur tar-REMIT u tagħlimiet ewlenin meħuda

Penali amministrattivi u pieni kriminali attwalment applikabbli fl-Istati Membri tal-UE


⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2332 tat-28 ta’ Novembru 2022 dwar l-identifikazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni bħala qasam ta’ kriminalità li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 308, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2332/oj>.

⁸ Pereżempju, fir-rigward tad-Direttiva 2014/57/UE dwar l-abbuż tas-suq, id-Direttiva (UE) Nru 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u d-Direttiva (UE) Nru 2024/1203 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 173, 12.6.2014, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/57/oj>.

Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni, xi Stati Membri japplikaw biss miżuri amministrattivi biex jiżguraw infurzar fil-każ ta' ksur tar-REMIT, filwaqt li oħrajn jipprevedu wkoll pieni kriminali, minbarra miżuri amministrattivi. Stat Membru wieħed għandu qafas li jikkonsisti esklużivament minn pieni kriminali.

L-illustrazzjoni ta' hawn taħt turi l-għadd ta' Stati Membri li japplikaw: (i) miżuri amministrattivi biss, (ii) taħlita ta' miżuri amministrattivi u kriminali u (iii) miżuri kriminali biss biex jiġi żgurat l-infurzar fil-każ ta' ksur tar-REMIT.

Illustrazzjoni 1: Pieni għall-ksur tar-REMIT (għadd ta' Stati Membri)



**Sors: Tveġibiet minn 26 Stat Membru għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni*

Skont l-Illustrazzjoni 1, maġġoranza ta' **15 mis-26 Stat Membru li wieġbu** għażlu penali amministrattivi, inkluż multi, bħala l-għodda ta' infurzar primarja tagħhom biex jindirizzaw il-ksur tar-REMIT u jipprevjenu nuqqas ta' konformità. Min-naħa l-oħra, **Stat Membru wieħed** (l-Irlanda) implimenta qafas ibbażat esklużivament fuq pieni kriminali, filwaqt li l-**għaxar Stati Membri li kien fadal biex iwieġbu** (l-Awstrija, Ċipru, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Ungerija, l-Estonja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja) adottaw approċċ doppju, li jikkombina penali amministrattivi u pieni kriminali bħala deterrent kontra l-ksur tar-REMIT.

ARN waħda infurmat lill-Kummissjoni li l-Istat Membru tagħha qiegħed jikkunsidra li jissupplimenta l-qafas attwali, li jikkonsisti f'penali amministrattivi biss, b'pieni kriminali. B'mod partikolari, l-ARN ippreżentat proposti lill-Ministeru għall-Ġustizzja fl-2022 u fl-2023 biex tikklassifika ċertu ksur tar-REMIT, jiġifieri ksur tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5, bħala reati kriminali. L-oġġettiv ta' dan l-Istat Membru huwa li jiżgura li l-qafas nazzjonali tiegħu jkun allinjat mad-dispożizzjonijiet attwali għal reati ta' kondotta fis-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014⁹.

Min-naħa l-oħra, l-uniku Stat Membru li bħalissa għandu biss pieni kriminali stabbiliti għall-infurzar fil-każ ta' ksur tar-REMIT qiegħed jikkunsidra li jintroduċi multi amministrattivi minflok, biex jiżgura infurzar aktar effettiv.

Regoli attwali fl-ordnijiet legali nazzjonali rigward il-multi amministrattivi

Ir-rispondenti għall-kwestjonarju pprovdew informazzjoni dwar il-livelli ta' multi amministrattivi imposti għal ksur tar-REMIT. Dawn il-livelli jvarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, b'xi oqfsa jesprimu multi amministrattivi f'termini ta' persentaġġi, oħrajn jistabbilixxu biss somom, u oħrajn jikkombinaw it-tnejn. Pereżempju, xi rispondenti indikaw li l-oqfsa applikabbli jipprevedu multi sa 8 % tal-fatturat annwali tal-entità kkonċernata, u dan jilħaq sa 20 % għal reati ripetuti jew iqis il-qliġ finanzjarju. Oħrajn spjegaw li l-multi amministrattivi jvarjaw minn EUR 20 000 sa EUR 50 000, b'dispożizzjonijiet għal żieda fil-multi abbażi tas-severità tal-ksur. Sistemi nazzjonali oħrajn jipprevedu multi li jvarjaw minn madwar EUR 300, bil-possibbiltà ta' multi sa 10 % tal-introjtu annwali tal-entità kkonċernata, akkumpanjati minn restrizzjonijiet temporanji fuq l-attivitajiet kummerċjali. Xi ftit Stati Membri jipprevedu multi li jilhqqu somom sa EUR 6 miljun.

Regoli fl-ordnijiet legali nazzjonali rigward il-pieni kriminali

Kif imsemmi hawn fuq, 11-il respondent indikaw li ġew previsti pieni kriminali fl-oqfsa regolatorji tagħhom. Dawn kienu jinkludu multi kriminali u, f'xi każijiet, priġunerija għal perjodu massimu ta' 10 snin. F'xi każijiet, il-qafas ippreveda wkoll l-iffriżar jew il-konfiska ta' assi u projbizzjonijiet temporanji fuq attivitajiet professjonali.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/2026-06-05>.

Pereżempju, risponent wieħed ipprova l-qafas dettaljat li ġej ta' pjeni kriminali applikabbli fl-Istat Membru tiegħu:

- L-involviment fil-manipulazzjoni tas-suq: multa sa 5 000 rata ta' kuljum, jew priġunerija ta' bejn sena u 10 snin, jew it-tnejn.
- Id-dħul fi ftehim immirat lejn il-manipulazzjoni tas-suq: multa sa 2 500 rata ta' kuljum.
- L-użu ta' informazzjoni privileġġata bi ksur tal-Artikolu 3(1)(a) tar-REMIT emendat: multa sa 5 000 rata ta' kuljum, jew priġunerija ta' bejn sena u 10 snin, jew it-tnejn. Jekk jitwettag minn persuna msemija fl-Artikolu 3(2)(a) jew (c) tar-REMIT emendat: multa sa 5 000 rata ta' kuljum, jew priġunerija ta' bejn sentejn u 12-il sena, jew it-tnejn.
- Divulgazzjoni illegali ta' informazzjoni privileġġata bi ksur tal-Artikolu 3(1)(b) tar-REMIT emendat: multa sa 2 500 rata ta' kuljum, restrizzjoni tal-libertà, jew priġunerija ta' bejn 3 xhur u 5 snin.
- Ir-rakkomandazzjoni tax-xiri jew tal-bejgħ ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, jew l-induzzjoni għalihom, abbażi ta' informazzjoni privileġġata, bi ksur tal-Artikolu 3(1)(c) tar-REMIT emendat: multa sa 2 500 rata ta' kuljum, restrizzjoni tal-libertà, jew priġunerija minn 3 xhur sa 5 snin.
- Il-kxif ta' sigriet professjonali bi ksur tal-Artikolu 17 tar-REMIT emendat: multa, restrizzjoni tal-libertà, jew priġunerija ta' bejn 3 xhur u 5 snin.
- Nuqqas minn organizzatur ta' tranżazzjoni professjonali li jinforma lill-President tal-ARN dwar suspetti raġonevoli ta' manipulazzjoni tas-suq, tentattiv ta' manipulazzjoni tas-suq, jew użu mhux xieraq ta' informazzjoni privileġġata, bi ksur tal-Artikolu 15 il-ġdid tar-REMIT emendat: multa, restrizzjoni tal-libertà, jew priġunerija ta' bejn 3 xhur u 5 snin.

Mit-tweġibiet għall-kwestjonarju jidher li, fejn l-Istati Membri għandhom qafas li jgħaqqad kemm il-penali amministrattivi kif ukoll il-peni kriminali għall-ksur tar-REMIT, huma adottaw approċċ f'diversi livelli fejn il-penali amministrattivi japplikaw għal ksur inqas serju tar-REMIT, filwaqt li l-peni kriminali japplikaw għal reati aktar serji. Fil-fehma tar-rispondenti, dan l-approċċ jippermetti strateġija ta' infurzar differenzjata, imfassla għas-severità tal-ksur inkwistjoni.

Pereżempju, risponent wieħed spjega li ksur tal-Artikolu 5 tar-REMIT emendat (projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq) jista' jikkostitwixxi kemm reat kriminali kif ukoll amministrattiv, skont jekk l-imġiba inkwistjoni taffettwax il-prezz tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa. Jekk ma tinfluwenzax il-prezz tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa rilevanti, l-imġiba titqies inqas serja u soġġetta għal penali ta' natura amministrattiva biss u viċi versa.

Sfidi għall-infurzar fil-każ ta' ksur tar-REMIT

Tliet risponenti semmew li l-pieni kriminali jista' jkollhom effett deterrenti akbar mill-miżuri ta' infurzar amministrattiv. Madankollu, skont it-tweġibiet ippreżentati, l-Istati Membri li jużaw pieni kriminali, esklużivament jew flimkien ma' miżuri amministrattivi, iffaċċjaw sfidi sinifikanti fl-infurzar tal-ksur tar-REMIT. Dan irriżulta f'livelli aktar baxxi ta' infurzar f'dawk l-Istati Membri, għar-raġunijiet spjegati hawn taħt.

Xi risponenti spjegaw, pereżempju, li l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, li jirrikjedu li l-ARN tressaq każ il-qorti, u/jew quddiem prosekutur u, fejn jirnexxu, jiġu segwiti minn proċessi, tista' tikkostitwixxi sfida għall-infurzar effettiv tar-REMIT. Dan minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

L-ewwel nett, il-proċess kollu għandu impatt fuq iż-żmien. Ġeneralment jieħu aktar żmien biex każ kriminali jiġi konkluż, inkluż li jintlaħaq l-istadju tal-impożizzjoni ta' pieni kriminali, milli biex jiġi konkluż każ li jinvolvi penali amministrattivi. Dan huwa wkoll minħabba li, b'penali amministrattivi, l-ARN għandhom setgħat ta' multi diretti fuq il-persuni implikati mill-imġiba inkwistjoni. Il-Kummissjoni tifhem li t-tul tal-proċedimenti jista' jkun attribwit ukoll għall-kumplessitajiet tal-abbuż tas-suq fis-swieq tal-enerġija.

It-tieni, skont it-tweġibiet għall-kwestjonarju, il-prosekuzzjoni kriminali ta' ksur tar-REMIT hija proċess b'aktar kumplessitajiet minn imġiba soġġetta għal penali amministrattivi. Il-kumplessitajiet fil-każ tal-ewwel huma marbuta man-natura kriminali ta' piena, pereżempju l-oneru tal-prova meħtieġ biex ARN tipproċedi b'suċċess għall-prosekuzzjoni. Il-ġbir ta' evidenza suffiċjenti għall-korp nazzjonali kompetenti (normalment minn prosekuturi li ma humiex neċessarjament familjari mal-funzjonament tas-swieq tal-enerġija) biex jiġi stabbilit l-istandard meħtieġ ta' prova għal proċedimenti kriminali jista' jkun ta' sfida. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-ksur tar-REMIT inkwistjoni jkun relatat ma' mġiba li tikkostitwixxi manipolazzjoni tas-suq jew informazzjoni privileġġata, li spiss tinvolvi livell għoli ta' sofistikkazzjoni min-naħa tal-parteciċipanti fis-suq inkwistjoni. Skont it-tweġibiet għall-

kwestjonarju, dan irriżulta fi ftit li xejn (jekk kien hemm) prosekuzzjonijiet b'suċċess, b'ħafna każijiet li jew twaqqgħu jew irriżultaw f'liberazzjonijiet.

Infurzar ta' penali amministrattivi għal ksur tar-REMIT

Għalkemm kważi ma hemm l-ebda sentenza finali tal-qorti li timponi pieni kriminali għal ksur tar-REMIT¹⁰, l-għadd ta' deċiżjonijiet u multi amministrattivi imposti mill-Istati Membri fuq il-parteċipanti fis-suq jindika xenarju ta' infurzar differenti. Bħala eżempju, iż-żewġ Stati Membri bl-akbar għadd ta' deċiżjonijiet relatati mar-REMIT irrapportaw dan li ġej:

- waħda minnhom adottat 43 deċiżjoni għal ksur tar-REMIT mill-2016, flimkien mal-impożizzjoni ta' multi amministrattivi ta' madwar EUR 10 500 000;
- l-oħra wettqet 46 investigazzjoni b'deċiżjonijiet ta' ksur relatati minn meta ġie introdott ir-REMIT fl-2016, u ġew applikati 61 penali, li jammontaw għal EUR 115 060 096.

Stat Membru ieħor allegatament impona multi għal diversi każijiet ta' ksur tar-REMIT, li jammontaw għal EUR 2 560 000.

It-tweġibiet għall-kwestjonarju juru li l-Istati Membri b'oqfsa ta' multi amministrattivi stabbiliti għall-ksur tar-REMIT setgħu jimplimentaw strateġija ta' infurzar aktar aġli u effettiva, u jikkonkludu għadd akbar ta' investigazzjonijiet, b'deċiżjonijiet finali li jimponu multi amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn.

Effett deterrenti tal-penali amministrattivi u tal-pieni kriminali


Il-kwestjonarju inkluda wkoll mistoqsija dwar l-effetti deterrenti tal-penali applikabbli fl-Istati Membri. Kif muri fl-Illustrazzjoni 2 hawn taħt:

- Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti, 16 mis-26, qiesu li dawn il-miżuri stabbiliti għandhom effett deterrenti biżżejjed, li jikkontribwixxi għal infurzar effettiv f'każ ta' ksur tar-REMIT. F'dawk il-ġuriżdizzjonijiet, il-qafas ta' infurzar kien ibbażat fuq miżuri amministrattivi. Bħala eżempju, wieħed minn dawk is-16-il risponent semma li, fl-erba' każijiet tar-REMIT segwiti mill-2011 u ppenalizzati kif xieraq b'penali amministrattivi ta' EUR 75 000, tlieta mill-erba' parteċipanti fis-suq li fuqhom ġew imposti penali amministrattivi, ma wettqu l-ebda ksur sussegwenti tar-REMIT.

¹⁰ Il-11-il Stat Membru b'pieni kriminali stabbiliti pprovdew it-tweġibiet li ġejjin: fl-Awstrija, f'Ċipru, fid-Danimarka, fl-Ungerija, fl-Irlanda, f'Malta, fin-Netherlands, fil-Polonja u fl-Iżvezja, s'issa ma ġiet adottata l-ebda deċiżjoni ta' infurzar; Il-Ġermanja għandha żewġ każijiet li għadhom għaddejjin iżda għadha ma ġiet adottata l-ebda deċiżjoni. L-Estonja ma pprovdietx tweġiba sostantiva għall-mistoqsija rilevanti.

- Madankollu, risponent wieħed semma li l-livelli tal-multi amministrattivi applikabbli fil-ġurisdizzjoni rispettiva tiegħu kienu negliġibbli, meta jitqies id-daqs tal-parteċipanti fis-suq involuti f'allegata mġiba illegali relatata mar-REMIT.
- Disa' risponenti wiegħbu li ma kellhom l-ebda data disponibbli dwar ksur tar-REMIT jew li l-ebda deċizzjoni ta' ksur fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom ma kienet wasslet għal multi.

Illustrazzjoni 2: Livell attwali ta' sodisfazzjon bl-effett deterrenti tal-miżuri amministrattivi għall-ksur tar-REMIT (skont l-għadd ta' pajjiżi)



V. Sejbiet

Kif indikat hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 83(2) tat-TFUE, il-kompetenza tal-Unjoni li tadotta pieni kriminali tista' tiġi eżerċitata biss meta l-infurzar kriminali **jirriżulta indispensabbli** biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-politika tal-Unjoni kkonċernata. Abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju, l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni fiż-żmien tal-kitba tar-Rapport, u l-Artikolu 18 tar-REMIT rivedut, **bħalissa ma hemm l-ebda indikazzjoni** li l-infurzar kriminali huwa indispensabbli biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-qafas REMIT. Din is-sejba hija mingħajr preġudizzju għal oqsma oħrajn, bħall-abbuż tas-suq fis-servizzi finanzjarji, fejn l-infurzar kriminali tqies indispensabbli biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-politika tal-Unjoni kkonċernata.

Abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, u f'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tar-REMIT, jidher li l-Istati Membri b'oqfsa ta' infurzar ibbażati fuq il-pieni kriminali, esklużivament jew flimkien mal-penali amministrattivi, qegħdin jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex

jikkonkludu l-każijiet tar-REMIT jew biex jilħqu sentenzi finali b'suċċess. B'paragun ma' dan, l-Istati Membri b'oqfsa ta' infurzar għall-ksur tar-REMIT ibbażati fuq il-miżuri amministrattivi juru riżultati aħjar f'termini ta' infurzar.

Barra minn hekk, l-infurzar huwa mistenni li jissaħħa aktar permezz tal-qafas REMIT II li għadu kif ġie introdott, li l-Istati Membri huma obbligati jimplimentaw. Kif spjegat hawn fuq, dan il-qafas il-ġdid, mhux biss jinvolvi setgħat investigattivi u ta' infurzar imsaħħa tal-ARN, iżda wkoll obbligu fuq l-Istati Membri li jikkonformaw mal-qafas ta' miżuri minimi ta' armonizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-REMIT emendat.

L-implimentazzjoni tal-oqfsa nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 18 tar-REMIT emendat se ssaħħa l-infurzar tar-REMIT u tiżgura l-effettività u l-effett deterrenti tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-oqfsa l-ġodda biex tisfrutta l-benefiċċji kollha ta' infurzar imsaħħa u tivvaluta l-effetti fil-prattika.

Sat-8 ta' Mejju 2027 u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta jekk il-penali għall-ksur tar-REMIT humiex previsti u applikati b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha. Jekk, mat-tlestija tal-proċess ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 18 tar-REMIT emendat, ikun jidher li l-approssimazzjoni tar-reati u tal-pieni kriminali għall-każijiet intenzjonali u serji ta' ksur tar-REMIT hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-REMIT II, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra mill-ġdid, fil-kuntest ta' dak, jekk hijiex meħtieġa armonizzazzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE.